MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 420/2005

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; C B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri D B nominata b' digriet tal-15 ta' Marzu 2006 u G B, li ilkoll gew kjamati fil-kawza b' digriet moghti fit-18 ta' Frar 2006**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attur A B ilu jghix ma' C B nee F ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena.

Peress illi C B ilha separata de facto minn mar-ragel taghha G B ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena filwaqt illi huma sseparaw legalment fil-hdax (11) ta' Dicembru 1996

b’ sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ippreseduta mill-Onor. Imhallef Franco Depasquale.

Peress illi matul ir-relazzjoni illi ghandha tezisti sal-gurnata ta’ llum bejn l-attur u C B twieldet tifla bl-isem ta’ D fit-tnax (12) ta’ Novembru 1996.

Peress illi t-tifla li twieldet minn din ir-relazzjoni bejn l-attur u C B twieldet xahar qabel is-sentenza tas-separazzjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti u ghaldaqstant giet ikkunsidratha bhala wild zewg l-omm.

Peress illi ghaldaqstant it-tifla li twieldet minn din ir-relazzjoni tidher fic-certifikati ufficjali tat-twelid illi hija bint ir-ragel fiz-zwieg ta’ C B u cioe’ G B bin H B.

Peress illi dan ic-certifikat ma jsemmix il-paternita’ proprja ta’ D B u li ghaldaqstant ghandha tidher bhala A B bin G B u I nee’ J, bhala missier it-tifla D.

Peress illi l-legittimita’ ta’ tifla imwielda matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla, li r-ragel kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha.

Peress illi l-attur ghandu interess illi jattakka l-legittimita D B sabiex jigi stabbilit illi huwa l-missier proprja tal-wild ta’ bejnu u bejn C B.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara illi l-missier/paternita’ ta’ D B huwa A B bin G B u I nee J.

2. Tiddikjara illi hemm zball fil-paternita’ fic-certifikat tat-twelid ta’ D B.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni necessarja sabiex jinbidlu d-dettalji tal-paternita' u d-dettalji relattivi ohra.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur A B ghandha jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem "the said" jigu kkancellati min taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

4. Illi kemm l-omm kif ukoll il-minuri ghandhom ikunu parti fil-kawza u l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

5. Illi n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni li huwa 4895 tas-sena 1996 ghandu jigi specifikat fit-talbiet attrici.

6. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza G B li biha eccepixxa

1. Illi l-esponent ma jopponiex ghat-talbiet attrici stante illi huwa ma huwiex il-missier naturali tal-minuri D li twieldet fit-tnax (12) ta' Novembru 1996;

2. Illi l-esponenti ilu de facto separat minn ma' C B, omm il-minuri ghal aktar minn sbatax-il sena;

3. Illi l-esponenti qed jopponi ghal l-ispejjez konnessi ma' din il-procedura.

Rat li C B debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda, ta' dawn il-partijiet;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-relazzjoni ta' l-esperti xjentifici l-Ispizjara Marisa Cassar u Christopher Farrugia minnhom debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qeda jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri D B li twieldet fit-12 ta' Novembru 1996, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut G B kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tal-minuri; u talbet il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 4895/96

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata.

F’ dan l-istadju u b’ referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f’ kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit* et noe deciza fit-28 ta’ Frar 2003.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta C B sseparat de jure minn ma’ zewgha l-konvenut G B fil-11 ta’ Settembru 1996 wara li kienu ilhom de facto separati mis-sena 1989. Fis-sena 1991 l-istess konvenuta bdiet relazzjoni ma’ l-attur li ghadha ghaddejja sallum, u li minnha twieldet it-tifla D li pero’ giet registrata that G B bhala missierha. L-istess G B kkonferma li mis-sena 1989 huwa qatt ma kellu x’ jaqsam ma’ martu l-attrici. Ghalhekk l-attur isostni li l-minuri hija bintu u mhux bint il-konvenut G B.

Illi rizultat ta’ testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuna ta’ l-attur, tal-minuri u ta’ C B, jikkonferma t-tesi ta’ l-attur li D B mhijiex il-wild naturali tal-konvenut G B; u ghalhekk tinsab esklusa b’ certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet ta’ l-attur huma gustifikati u jimmelw li jigu milqugha.

Illi fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2006 l-attur ikkonferma bil-gurament li hu ghandu l-karta ta’ l-identita’ nurmu 175162M, li fiz-zmien tat-twelid tat-tifla kellu 34 sena, li twieled ir-Rabat, u li f’ dak iz-zmien ukoll kien joqghod ir-Rabat u li ukoll f’ dak iz-zmien missieru G B kien ghadu haj [fol.34].

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur u tiddikjara li l-minuri D B li twieled fit-12 ta’ Novembru 1996, mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut G B, izda hija l-wild naturali ta’ l-attur A B u konsegwenzjalment tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid tal-minuri D B billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut G B, u minflok jitnizzlu l-isem ta’ l-attur A B bil-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attur u tal-konvenuta proprio fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------